# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 2416/00(F1) GCD**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**Vs**

**CVB Services Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn tliet mija u erbghin lira (Lm2,340) rapprezentanti import ta' tnax (12)-il kambjala ta' Lm195-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa Ottubru 2000, u mhux imhallsa;

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm2,340 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' Lm2,340 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-26 ta' Ottubru 2000 jammontaw ghal Lm108, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju, 2000.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Alfred Formosa u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota li biha l-attrici cediet is-sorte u zammet it-talba ghall-ispejjez.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm